MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 75

## 4 ta` Gunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

### 75.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

75.1.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

### 75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqghat Nru 73(07) u Nru 74(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

75.2.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jerga` jaghmel komunikat mall-perita Roberta Mallia dwar ir-restawr tal-faccati tal-Berga ta` Franza ghal fatt li l-Kunsill ghad m`ghandhux data meta ser jinbdew ix-xoghlijiet. *(Minuti 73(07) 73.3.16)*

75.2.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li wara li ngabru l-kwotazzjonijiet, il-Kunsill mar ghall-irhas offerta u b`hekk il-bins ghall-klassijiet tal-primarja gew ordnati u mistennija jaslu fil-gimghat li gejjin. *(Minuti 73(07) 73.3.18)*

75.2.3 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li ghalkemm il-permess sabiex tinbena dar ghall-anzjani fi Triq San Dwardu gie rifjutat, sostna li l-Kunsill ghandu xorta wahda jibqa` jishaq li din id-dar ghandha ssir flok ex skola sekondarja Lorenzo Gafa. Il-membri tal-Kunsill qabblu unanimament li ghandha tinkiteb ittra lill-Prim Ministru dwar din il-proposta li l-Kunsill kien diga` resaq lill-Ministru tal-Edukazzjoni. *(Minuti 74(07) 74.2.2)*

75.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-kuntratt mall-kumpanija Green MT ma kienx ser jigi ffirmat qabel ma jinbidel il-kuntrattur ezistenti u dan ghal fatt li xoghol mhux qed issir tajjeb bhal ma kien issir qabel. *(Minuti 73(07) 73.5)*

**75.3 Korrispondenza**

75.3.1 Giet prezentata stedina li l-Kunsill ircieva dwar Zjara Pastorali li ser ssir mill-Eccelenza Tieghu Monsinjur Charles Scicluna fil-Birgu. Din iz-zjara ser ssir nhar it-Tnejn 17 ta` Gunju 2019 fis-sebgha ta` filghaxija.

75.3.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li nhar il-Hadd 16 ta` Gunju ser titella` attivita ta` esebizzjoni ta` karozzi antiki fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni sabiex titella din l-attivita.

75.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li dakinhar stess tal-esebizzjoni tal-karrozzi, is-Sezzjoni Zghazagh Palmizi kienu ser itellghu attivita fi Triq Desain fin-nofs ta` nhar ta` filghodu. Dwar dan, il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda ogezzjoni.

75.3.4 Prezentata korrispondenza dwar talba li saret mill-Ghaqda Piroteknika 10 t`Awwissu sabiex itellu attivita nhar il-Gimgha 21 ta`Gunju fiz-zona tas-Simenta fi Triq La Vallette. Dwar dan il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni li titella` din l-attivita.

75.3.5 Prezentata l-istqarrija pubblika li giet mhejjija mill-avukat tal-Kunsill wara li tellghu diversi posts fuq is-siti socjali ftit jiem qabel l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali dwar is-sitwazzjoni tal-hamiem fil-Birgu.

75.3.6 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill bghat lid-Direttur dwar talba sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun jista` johrog sejha ghall-impjieg ta` *cleaner* mall-Kunsill.

75.3.7 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat l-kwotazzjonijiet ghas-servizz ta` DPO mall-Kunsill, fejn infurmat lil dawk prezenti li l-irhas offerta kienet tal-kumpanija BOOM Consultancy and Advisory Services. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti li l-Kunsill jahtar lil din il-kumpanija bhala rapprezentat tal-Kunsill.

75.3.8 Prezentata l-ittra ta` rizenja tas-Sinjorina Maria Farrugia, impjegata bhala skrivana fuq bazi full time. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel it-talba tieghu mad-Dipartiment ta-Gvern Lokali sabiex jinharieglhu l-permess biex johrog is-sehja ta` dan il-post vakant.

75.3.9 Prezentat l-overtime tal-haddiema tal-CWES ghax-xahar ta` Mejju 2019. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

75.3.10 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Mejju 2019. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

75.3.11 Prezentata l-petty cash ghax-xahar ta` Mejju 2019, fejn giet approvata minn dawk prezenti.

**75.4 Risposta ghall-ittra ta` Direzzjoni ghas-sena 2018**

Is-Sindku talab sabiex l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Laurence Manicaro jaghti spjegazzjoni tal-Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart minn Jannar sa` Marzu 2019 u kif ukoll dwar ir-risposta tal-Kunsill ghall-ittra ta` direzzjoni ghas-sena 2018.

Is-Sur Manicaro tah spjegazzjoni tar-Rapport Finanzjarju li jkopri mix-xahar ta` Jannar sa` Marzu 2019 fejn spejga li matul dawn ix-xhur il-Kunsill kellu surplus u li l-indikatur finanzjarju baqa` wiehed pozittiv. Is-Sur Manicaro spjega wkoll ir-risposta tal-Kunsill ghall-ittra ta` direzzjoni fejn rrimarka l-aktar punti importanti ta` rapport. Dawk prezenti approvaw unimament iz-zewg dokumenti.

**75.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

75.5.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-applikazzjoni tal-installazzjoni ta` sitt bankijiet fi Triq Pawlu Boffa tlestiet mill-perit. L-ammont ta` din l-ispiza jlahhaq is-somma ta` €2,667.02. Din l-applikazzjoni ser tintbghat il-Awtorita tal-Ippjanar sabiex il-Kunsill jircievi seghbin fil-mija tal-ispiza totali u tletin fil-mija l-ohra Ii tammonta ghall-€800.10 tithallas mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

75.5.2 Is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jitlob lill-Onorevoli Glenn Bedingfield biex issir ir-restawr tan-nicca tal-Madonna tar-Ruzarju li tinsab fi Triq il-Majjstral kantuniera ma` Triq Pacifiku Scicluna fil-Birgu, liema nicca hija ta` valur storiku kbir. Dwar dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu.

**75.6 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

75.6.1 Is-Sur Eman Zerafa talab sabiex issiru sinjali ta` traffiku u parkegg fi Triq l-10 t`Awwissu.

75.6.2 Is-Sur Trevor Mizzi talab sabiex issiru zewg parking bays tal-muturi fi Triq il-Mandragg.
75.6.3 Is-Sur Anton Gellel propona sabiex il-Kunsill jistaqsi lill-GHRC dwar meta ser jinbeda l-progett ta` Salle Porte (it-Toqba) qabel ma ninfurmaw lis-sidien tal-lanec biex inehhu l-opri tal-bahar minn dik iz-zona. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti biex tintbghat din l-ittra.

**75.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4806 sa` BOV 4849, fejn cekkijiet numru BOV4811,4815,4813,4816 gew ikkancellati u cekkijiet bin-numri, HSBC 9792 sa` HSBC 9793. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 15 ta` Mejju sal-4 ta` Gunju 2019.

**75.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar il-Hamis 27 ta` Gunju 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 27 ta` Gunju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |